# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Il-każ M.10950 – OTPP / MAHINDRA / MSPL)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 405/13)

1. Fil-11 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ontario Teachers' Pension Plan ("OTPP", il-Kanada),

— Mahindra Holdings Limited ("Mahindra", l-Indja),

— Mahindra Susten Private Limited ("MSPL", l-Indja).

OTPP u Mahindra se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' MSPL.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— OTPP tamministra l-benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment tal-assi tal-pjanijiet tal-pensjoni tal-għalliema fil-provinċja Kanadiża ta' Ontario,

— Mahindra hija attiva f'diversi setturi inklużi iżda mhux limitati għas-settur awtomobilistiku, tas-servizzi finanzjarji, tal-infrastruttura u tal-ġenerazzjoni tal-enerġija.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-MSPL huma s-sjieda, l-operat u l-iżvilupp ta' proġetti u assi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija solari primarjament fl-Indja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.10950 – OTPP / MAHINDRA / MSPL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË